# SALVU

Salvu ghafas b'idu l-leminija mat-tarf tal-bieb taz-zingu miftuh filwaqt li bl-ohra strah mad-dahar tas-siggu u ghafas b'kemm kellu sahha sakemm fl-ahhar irnexxielu jqum bil-wieqfa. Ix-xemx kienet ga bdiet taghmel taghha sewwa u kienet qed tghammixlu ghajnejh. B'dahru kemmxejn mghawweg Salvu kien qed jirringrazzja l-bambin li rnexxielu jqum bil-wieqfa. Kien wiccu lejn il-bieb meta f'daqqa wahda jhoss xi hadd gej jigri minn warajh u dlonk jolqtu b'daqqa kbira ta' basket imbullat kotba u xi kaxxa ta' xi metal. 'Nirrek issejr patrej' ghajjat ix-xih kollu rabja. It-tifel, ruxxan u dahqan, b'basket kbir imdendel wara dahru , dar lejh u flok ma talab skuza qallu 'darb'ohra aghmel l-'indicator' nann!' M'ghandniex xi nghidu t-tfal l-ohra li mid-dehra kienu qed jippruvaw jaqbdu lill-ewwel wiehed tghidx kemm dahqu u Salvu kompla jghajjat u jgerger filwaqt li l-ewwel tifel ghajjat; 'Ghadkom ma qbadtunix!' u ghajjeb lil shabu.

Daqqa bhal dik Salvu kien se jdum ihossha. Mn'alla ma kienx telaq idu minn mad-dahar tas-siggu ghax zgur li ma' l-art kien jispicca. Wara li bired mir-rabja kbira li hakmitu ghall-ksuhija tat-tfal tal-lum rega' ghamel hiltu ghamel sforz iehor u dahal gewwa. Pass wara pass, jkaxkar naqra naqra s-siggu u jiddendel maz-zewg bibien, Salvu fl-ahhar ghalaq il-bieb tal-garaxx. X'hin hares lejn idu l-leminija kellha linja mmewga hamra mmarkata fuqha tant kemm kien ghafas mat-tarf tal-bieb.

Ghal darb'ohra strah dahru mal-bieb u ghal darba donnu beda jibki bid-dwejjaq. Ftit nies setghu jifhmu lil min kien bhalu. Kien wahdu. Marija kienet mititlu fil-fjur taghha u hallietu warajha qasir il-ghomor u qatt ma rega' zzewweg. Xi kultant kien jahbat jibkiha mentri xi kultant kien jahbat jghir ghaliha. Izda xi kultant kien jitfa' l-htija fuqha li hallietu wahdu jissielet mal-hajja fuq din id-dinja u jduq l-imrar taghha. Gieli haseb fiha b'soghba kbira u gieli b'rabja kbira. Censu, l-uniku tifel li kellu, kull ma kien icempillu kien fuq il-bicca ghalqa tal-Gandlora biex jehodha u jmur iqatta' l-Hdud fiha ma' dik il-minghul ta' mara kollha zebgha u tkaken li kien izzewweg. U ….. lanqas hbieb ma kellu. Zeppu ta' Nikol u z-Zannu kuljum kienu jitilghu l-pjazza tar-rahal izda issa hu ma felahx jasal s'hemm. U qatt ma ndenjaw ruhhom jghaddu huma. Kien wahdu f'din id-dinja.

Dlonk daqq it-telefown. Salvu ghaddielu minn rasu li ma jwegbux u hallieh idoqq. Kien in-naha l-ohra tal-kamra u ma kellux aptit jasal s'hemm. Izda t-telefown baqa' jdoqq. Fl-ahhar iddecieda li setghet kienet xi haga mportanti u bil-mod il-mod serrah ma' l-ghamara, wasal sa hdejh, u pogga bil-qieghda fuq il-pultruna u wiegbu. Kien Censu. Bl-istess kantaliena. L-ewwel li ma staqsieh kif kien kieku izda s-suggett dlonk rega' waqa' fuq ic-cavetta tal-kamra tal-Gandlora u l-ghalqa ta' madwarha. Izda llum Salvu ma kellux aptit u beda jghajjat u jgerger mat-tifel sakemm qatghalu l-linja. Dil-gurnata dehret li kienet giet biex tfannadlu iktar il-griehi ta' go qalbu.

Ibnu stess… iva…. Ibnu stess kien rega' tlewwem mieghu. Kull ma kien jinteressah kienet dik l-imnieghel ta' cavetta u mhux kif kien missieru. Mohhu f'li juza l-kamra u kieku xi darba kien qallu li ser jiehdu mieghu. U kieku xi darba kien jigi jarah! Imbasta jcempel!

Salvu ghamel xi kwarta bil-qieghda fuq il-pultruna jhares fil-vojt filli ser jinfaqa' f'nofs bikja filli wiccu jibbies u ma jkunx jista' jitharrek. Imbaghad resaq lejn il-forn halli jaghmel naqra mishun. Gab il-kafe' u hawwad kollox fit-tazza. Izda waqt li kien miexi lura lejn il-pultruna waqaf ihares lejn xbieha li qatt ma kien hares lejha qabel - ghallinqas mhux bl-istess mod. Kienet ix-xbieha ta' wiccu shih – tieghu nnifsu fuq il-mera.

Ghajnejh donnhom infethu u ra lilu nnifsu go mera li s'issa kienet mtliet tikek u tbieghi suwed biz-zmien. Izda anke fejn il-mera kien ghada tirrifletti, kien imdennes bejn bil-hmieg u bejn biz-zmien. U hu nnifsu kien inbidel f'wicc kollu tikmix, linji fuq linji, jduru ma' ghajnejh, minn fuq mohhu ghal fuq mniehru, madwar geddumu. Il-gilda kienet iddendlet ghal kollox u l-abjad t'ghajnejh f'postijiet sfar u f'postijiet kien donnu hmar. Ghajnejh donnhom kienu qabzu 'l barra u l-lehja kienet imqaxxra hazin. Dawwar wiccu u ntebah li hdejn widintu kellu bicca lanqas biss kienet imqaxxra ghax idu kienet tugghu biex tasal s'hemm u kien jinsieha jew meta jiftakar fiha jhalliha. Imbaghad f'daqqa wahda staqsa lilu nnifsu ghalxiex kien iqaxxar il-lehja? Biex johrog hdejn il-bieb ta' barra! Ha…. Hafna affarijiet li dari kellhom skop illum lanqas dak ma kien ghad baqghalhom. Il-lehja griza u bajda tieghu, li kienet taqta' mhux hazin mal-gilda samranija u harxa ta' wiccu, illum, anzi setghet isservi ahjar biex tahbi t-tikmix! Ghalkemm, nigu ghal dan, lanqas il-lehja ma kienet sabiha! Kemm kien krieh! Mhux ta' b'xejn it-tfal jiddiehku bih! U t-tifel ma riedx jersaq lejh! X'kellu x'jigbed in-nies lejh? Kif kien inbidel! U kif kienu nbidlu l-affarijiet ta' madwaru! Id-dar kollha kienet qdiemet mieghu. Sa l-ispiritiera u l-mera ta' quddiemu! Mhux ta' b'xejn il-mara ta' Censu qas kafe' ma riedet tiehu minghandu, jew meta tiehu qisha qed taghmel sagrificcju tixorbu. U mhux ta' b'xejn ma tantx kien jigilu 'l hawn it-tifel. Allahares ipprova jqabbel il-villa tat-tifel mar-remissa tieghu. Kwazi kwazi li iktar kien qisha garaxx ta' karozza ghax bil-bieb taz-zingu mmewweg u karozza ha taqa' bicciet pparkjata dejjem fl-istess post wara l-bieb! X'jersaq lejh it-tifel! Kif kien spicca!

U dlonk mohhu mar lura fiz-zmien. Ha… dawk iz-zminijiet… fejn hu kien tifel. Kemm kien jittanta lil Ganni d-Dbajju! U kemm kienu jhabbtulu l-bieb ghalxejn biex johorguh jittawwal u jghajbuh! U kemm kienu jaqbdu mieghu u jinkuh! Daqs it-tifel tal-basket! Mela mhux hekk! Hekk biss! Imbaghad meta kienu zghazagh. Rega' ftakar il-harsa tat-tfajliet kull meta jghaddi mit-triq bis-sidrija u bit-terha tiddrittalu qaddu. U l-quddiesa tal-Hadd fejn donnhom hu u Anni ta' Kurun qatt ma kienu jghejjew iharsu minn taht lejn xulxin. Imbaghad….. fl-ahhar minn l-ahhar kienet ghelbitu t-tentazzjoni li johrog ma' tfajla …..izda din kellha tkun Rakeli. Kienet tghogbu ferm inqas minn Anni izda xorta wahda kien jiftakar dawk

xaghrha u wiccha rotob u kemm kien artab dak it-tiben! Kemm kienu jibzghu li missirijiethom jaqbduhom flimkien! Kemm kienet tibza' Rakeli! Miskina!

Bil-biza' biss qatt ma rnexxielhom igawdu lil xulxin sewwa! U fl-ahhar minn l-ahhar kienet giet Marija. Hi wkoll kienet sabiha. Jiftakar meta zzewigha – minn wara l-ghonnelli donnu beda jara harsiet ta' ghira ta' certi tfajliet tar-rahal. Ohrajn kellhom ghajnejhom jixghelu jkunu bhal Marija ma jdumux filwaqt li ohrajn donnhom urew id-dieqa li ghalihom Salvu kien ser jintrabat u jinqata' minn fuq il-lista. Wahda minnhom, Saverin tal-hanut, tant ma qatghetx qalbha li xorta riedet tiehdu hi li min jaf kemm il-darba meta Marija kienet tibghatu jixtrilha ghaddietlu xi kelma jew tnejn. Insomma, wara kollox, ghalkemm dak li kien qed jara quddiemu kien xih ikrah mistmerr minn kulhadd hu wkoll kien guvni sbejjah xi darba mahbub minn kulhadd.

Minn mahbub minn kulhadd, mistmerr minn kulhadd. U x'jippretendi! Bil-mod kif kien inbidel! Izda wara kollox Salvu donnu beda jintebah li gismu kien qed jipprepara ghat-targa li jmiss. Li jhalli din id-dinja. Dlonk giet quddiem ghajnejh il-mewt ta' martu li kienet mietet zghazugha – mimlija hajja. Kienet ittajret minn karozza u r-rahal kollu kien tbikkem meta nhasditilha hajjitha hekk hesrem. Kien jiftakar sewwa l-ahhar bixra taghha. Gisem ta' tletin sena lest li jghix il-hajja. Gisem sod b'gilda lixxa. Imbaghad b'tizrita kbira fuq il-mohh u ohra fuq il-wicc li minn gisem haj u mimli hajja kienu bidluh f'gisem mejjet daqhekk malajr. Kien gisem li ma kienx ippreparat ghall-mewt…. li l-mewt hasditu. U kulhadd kien ghadu jhobbu. Kulhadd kien qed jistennieh jibqa' haj. Kulhadd ried jarah jixjieh. Anke dawk li forsi kienu jobghoduh ma xtaquhx imut hekk. Kien gisem mahsub biex jghix …. Izda miet… bil-kagun.

Min jaf kif kienet tkun martu kieku kien ghadha hawn. Min jaf kemm kienu jghixu iktar grajjiet flimkien. Kienu jixjiehu flimkien, jikriehu flimkien. Izda issa kien difficli li jimmagina lil Marija xiha. Kull ma seta' jigih f'mohhu kien gisem zaghzugh - sod u sabih - izda bla hajja. Il-gisem li tant kien ihobb ta' Marija bla hajja.

Salvu hares lejn gismu. Gismu kien gisem ta' hamsa u tmenin sena. Mixrub u b'gilda mdendla. Ghajnejn bla kliem b'kuluri mcajpra…. bla hegga, bla tama….bla sbuhija. Kien gisem li jigbed l-istmerrija. Maghluqa go fih kien hemm qalb maqtugha. Kien hemm mohh li jistenna s-sieghat jghaddu u li jara s-sieghat twal iktar minn qabel. Kien gisem li bl-ebda mod ma jigbdek. Halli int ma tingibidx lejh. Ma tithassrux. Kien gisem li jserrah mohh dak li jkun li wasal iz-zmien. U kien gisem li qed jipprepara biex jaghmel il-firda inqas drammatika u iktar accettata. Min kien ser jithassar dak it-tikmix, it-tgergir u t-tqanzieh? Kemm ibnu stes kif ukoll martu kienu jisthu jaqbduh minn taht idu biex jghinuh jitla' fil-karozza l-ftit drabi li gew ghalih. Probabbli bejn li kien tqil u bejn li kienu jarawh mahmug kienu jistmerruh. Kien verament jigbed stmerrija. Izda minflok ma dan nikktu ghamillu kuragg. Bl-istess mod bhalma hu gieli kkundanna lil martu li hallietu qasir il-ghomor, li ghaddietu minn imrar mhux misthoqq, in-nies ta'

madwaru qatt ma setghu jikkundannawh li ghamlilhom l-istess. Kien baqa' maghhom sa l-ahhar, specjalment ma' ibnu Censu. Kien baqa' mieghu sax-xjuhija u qabel ma kien se jmut kien gieghlu jistmerru u mhux ihobbu. Mhux bhal Marija. Marija kienet gieghlitu jhobbha imbaghad mititlu. U t-tbatija kienet akbar. Kienet imtaqqla bid-dell ta' l-imhabba.

Izda d-dieqa ta' wara l-mewt ta' Salvu setghet tkun imtaqqla biss mid-dell tar-rispett. Mhix ser tkun imsensla minn xi mhabba feroci li tohrog imrar feroci. Izda minn imhabba docli li minnha johrog imrar docli.

Fuq fomm Salvu tnisslet tbissima. Dak il-hin donnu kien fehem il-misteru tal-hajja. Donnu hassu kuntent li kien xjah. Donnu hassu kuntent li ma kien ifisser xejn ghat-tifel tal-basket li kien qed jigri fuq il-bankina. Donnu hassu kuntent li Zeppu u z-Zannu kienu jiltaqghu kuljum il-pjazza bla ma jersqu lejh. Donnu hassu kuntent li qata' l-linja lil ibnu u tlewwem mieghu.

Imbaghad ghamel kikkra kafè ohra. Wasal sas-sodda, pogga l-kafè fuq il-komodina antika u mtedd. Minn dawn il-hsebijiet kollha malli Salvu pogga rasu fuq l-imhabba mohhu donnu waqaf. Ghajnejh iffissaw 'il boghod fuq il-mera li kienet qed tirrifletti l-gradenza bir-ritratti ta' ommu u missieru u ta' Marija mimlijin moffa u trab, il-pipa u xi zewg tazzi mahmugin. Bil-mod il-mod harstu resqet iktar fil-qrib u ftit ftit spiccat fuq il-kikkra tal-kafè tikwi bil-fwar tiela' minnha. Ghajnejh regghu waqqfu u ccassaw lejn il-fwar tiela' ….. imewweg…. bil-mod…. 'il fuq….. fis-skiet.

Hekk kif daqqu s-saghtejn l-arlogg daqq bhas-soltu biex ifakkar lil Salvu li kienet ghaddiet siegha ohra. Izda sa dak il-hin il-kafe kien bired….. u mieghu kien bired gisem Salvu.